## LILL-PROF. ĠUŻE' GALEA FOSTNA

Ta' ĠUŻE' CARDONA

Għodwa waħda,
Kontra qalbhom,
Il-Ħuttaf ħallew il-bejta
Artijiet aktar utieqa
Marru jżuru mħabba l-kesħa,
Imma dejjem
Reġgħu lura
Lejn l-imkejjen ta' twelidhom
Għaliex qatt ma sabu isbaħ
Mill-kenn ħelu tal-bejtiet!

Minn qiegħ baħar,
Bogħ'd, għammieqi
It-triq qabad is-sallur,
Eluf kbar ta' mili mexa
Fejn xortih ġegħlitu jmur.
Imma dejjem
Reġa' lura
Lejn il-bejta li ma nsiex,
Għaliex hemm qatta' torbitu,
Hemm joħduh l-ewwel ġibdiet!

Għal fuq xogħlu
Il-baħri jbewweġ
Artu jħalli bla ma jrid,
Bliet, pajjiżi isbaħ minnha
Bil-gzuz jara ta' sikwit...
Imma jkun
Dejjem jixxennaq
Għal pajjiżu bla tlellix,
Għal dak raħlu qalb il-ħdura
Fejn il-qalb il-għaxqa ssib!

Bħall-ħuttafa
Wis-sallura
U bħall-baħri bla dewmien
Reġa' fostna ĠUŻE' GALEA
Għax ĦAL QORMI jsib is-sliem!
Dejjem f'qalbu
Dejjem f'moħħu
Għalkemm bogħ'd pajjiżna kien!
Issa ħajtu hawn itemmha...
Mhux li bħalu nagħmel jien!

4-11-1963



# SALVU MIFSUD

## ĦABIB KBIR TAL-MALTI



SALVU MIFSUD

Qabel is-sebħ tal-Ħadd, il-25 ta' Ottubru tas-sena li għaddiet, SALVU MIFSUD, għażeb li kien għalaq 70 sena, sellem għall-aħħar darba lill-Parroċċa fejn twieled u li lilha flimkien mas-S.S. Salvatur, Titular tal-Knisja Parrokkjali tagħha, kien igħożż mhux ftit u jħobb b'ruħu u b'qalbu kollha.

SALVU MIFSUD, kif jafu bosta nies f'Ħal Lija u f'postijiet oħra ta' Malta, kien iħobb jaqra u jitgħallem dejjem fuq kotba bl-Ingliż, bit-Taljan, fuq Letteratura u Filoloġija tal-Malti, barra milli kien iħobb ukoll jistaħreġ fuq nisel il-kliem Malti imxebbah ma' dak ta' ilsna oħra. Xogħlijiet ta' Shakespeare, id-Divina Commedia, l-Istorja tal-Knisja u l-Malta Cananea ta' Annibale Preca, il-Poeżiji ta' Dun Karm u ta' kittieba oħra, fosthom ukoll tiegħi li, kien jidhirlu jolqtu l-qalb, kien isemmihom ta' sikwit. Hu stess kien kittieb tajjeb ukoll, u fuq in-nisel ta' postijiet storiċi tal-Gżejjer ta' Malta dehret ħafna kitba u polemika tiegħu fil-gazzetti tagħna.

Patrijott u intelliġenti, SALVU MIFSUD, kiteb kotba, fosthom "Tifkira tal-Festi Ċentinarji" li saru Ħal Lija fl-1932 f'ġieh is-S.S. Salvatur, u "Dun Mikiel Xerri", dramm storiku li kien inħadem b'suċċess ġmielu fit-Teatru "Radio City", il-Ħamrun. Kiteb ukoll għadd kbir ta' poeżiji popolari għaċ-ċelebrazzjonijiet, eċċ., fosthom għal dawk tal-festa Titulari tas-S.S. Salvatur, u okkażjonijiet ta' Kappillani u Saċerdoti ġodda ta' Ħal Lija.

Għall-ħeġġa kbira tiegħu fil-Parroċċa tagħna f'diversi okkażjonijiet, fosthom il-Festa Nazzjonali tat-8 ta' Settembru, fl-Akkademja Mużiku-Letterarja fil-Każin tal-Banda f'ġieh Annibale Preca, għall-versi ħelwin tiegħu għall-festa ċentenarja tal-Vara tas-S.S. Salvatur f'Awissu li għadda, it-twajjeb u ħabib kbir ta' LSIENNA jibqa' jgħix b'ruħu fostna għal żmien twil u mfakkar minn kull min kien jafu tajjeb.

MARIO AGIUS.